MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

# 7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 59 (STR)

It-Tnejn, 25 ta' Frar, 2019

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Cutajar (JC) | Sindku |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Josette Busuttil (JBD) | Kunsillier |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Sur Sandro Alexander Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is-Sur Johann Borg (JBO) | Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (0)

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Is-Sinjura Leanne Abela Grech (LAG) Kunsillier

ASSENTI
Is-Sinjorina Michaela Maria Chircop (MMC) Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Svetlick Flores – Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Is-Sindku s-Sur Joseph Cutajar ippresjeda l-laqgħa.

## 59.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

59.1.1. Is-Sindku JC informa li l-Kunsilliera LAG, ma setatx tkun preżenti.

59.1.2. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

## 59.2 Post Vakanti ta' Segretarju Eżekuttiv;

59.2.1. Is-Sindku JC tkellem dwar ir-riżenja tas-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Svetlick Flores.

59.2.2. Il-Kunsill qabel li sakemm jinħatar Segretarju Eżekuttiv ġdid, jaġixxi d-Deputat Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Duncan Hall, b'effett mit-28 ta' Frar 2019, u dan sabiex ikun hemm anke perijodu ta' transizzjoni.

59.2.3. Il-Kunsill qabel li jibda l-proċess ta' ingaġġ ta' Segretarju Eżekuttiv.

## 59.3 Bord tal-Għażla;

59.3.1. Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għall-applikazzjonijiet interni għall-postijiet ta' Assistent Prinċipal u Uffiċjal Eżekuttiv.

59.3.2. Is-Segretarju informa li kien hemm applikazzjoni waħda interna għal kull post vakant.

59.3.3. Il-Kunsill qabel li l-bord tal-intervisti għal dawn il-postijiet, ikun iffurmat mis-Segretarju Eżekuttiv, il-Kunsilliera LAG, u l-Kunsillier SZ.

## 59.4 Tmiem tal-laqgħa.

59.4.1. Il-laqgħa intemmet fis-5.40 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 18 ta' Marzu, 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Joseph Cutajar<br>Sindku | Svetlick Flores<br>Segretarju Eżekuttiv |